# Tislima xierqa lir-Re tal-Marċi Maltin

# VINCENZO CIAPPARA

## 25 SENA MINN MEWTU



Mro. Vincenzo Ciappara waqt il-programm fl-okkażjoni t'għeluq il-Ħamsin Sena mit-twaqqif tas-soċjetà 1907-1957

Ħamsa u għoxrin sena ilu, l-mużika Maltija tilfet wieħed mill-ħbieb kbar tagħha. Kien magħruf mal-ammiraturi tal-banda bħala r-*Re tal-Marċi.* Surmast b'kapaċitajiet kbar fid-direzzjoni wisq aktar fil-kitba tal-marċi li min jaf matul is-snin kemm ferħu lil dawk li sena wara oħra jagħmlu appuntament mal-ġmiel tal-festi tagħna fil-qilla tas-sajf Malti. Ilu 25 sena li ħalliena, iżda l-wirt kbir li ħalla warajh Vincenzo Ciappara għadu u se jibqa jitgawda mhux biss hawn iżda wkoll mal-emigranti Maltin u mat-turisti li jżuruna.

Imwieled il-belt Valletta fis-6 ta' Novembru 1890, iben Carmelo u Paola mwielda Psaila. Missieru kien mużiċist fit-teatru Rjal u darba kien rebaħ vjolin. Kien ħajjar liċ-ċkejken Vincenzo biex jistudjah u t'għaxar snin beda l-vjaġġ mużikali li kellu jwasslu sa l'għola qu"ati. B'hekk l-għanijiet tiegħu ta' student fil-Liceo kienu differenti minn dak li kien qed jitgħallem. Meta ra hekk, fuq pariri ta' missieru, Vincenzo ntbgħat jistudja l-mużika għand uħud mill-aqwa surmastrijiet ta' dak iż-żmien. Beda jitgħallem waħdu u kompla fl-istitut ta' Paolino Vassallo. Aktar tard, studja l-armonija u l-orkestrazzjoni ma' Carlo Diacono u l-istrumentazzjoni tal-banda ma' Aurelio Doncich.

Ta' erbatax-il sena kien diġà jdoqq il-vjolin fil-knejjes, l-aktar mal-cappella

mużikali ta' Nani li tant kienet imfittxija f'dawk iż-żminijiet. Bejn l-1907 u l-1939, kien membru tal-orkestra tat-Teatru Rjal, l-ewwel bħala volinista u aktar tard bil-vjola fejn fl-aħħar tmintax-il sena kien professor tal-vjola fl-istess teatru b'rakkomandazzjoni tal-Impressarju l-Kav. De Lancellotti.

Kien Carlo Diacono li ħajru jibda l-karriera fis-settur bandistiku. Il-kapaċitajiet tiegħu wasluħ biex ikun surmast direttur ta' bosta baned. Bejn l-1924 u l-1931, kien surmast tal-banda Marija Annunzjata ta' Ħal-Tarxien. F'Gunju tal-1926, Ciappara ħa f'idejħ id-direzzjoni tal-banda De Rohan u baqa f'din il-kariga sa Jannar 1930 meta t-tmexxija waqgħet f'idejn Mro. Mikiel Gatt.[1] Fost ix-xogħolijiet li kiteb għal De Rohan insibu l-innu *Lil De Rohan.*

Bejn l-1928 u l-1978, aktar minn ħamsin sena, kien surmast direttur tal-banda Konti Ruġġieru tar-Rabat. Dan jitqies bħala wieħed mill-itwal perjodu li surmast dam ma' banda. Tul dawn il-ħamsin sena, l-banda Konti Ruġġieru għamlet su"essi kbar. Fost programmi vokali u strumentali li l-banda Konti Ruġġieru esegwit taħt id-direzzjoni ta' Ciappara nsemmu l-programm tal-1930 meta kienet iżżażnet l-istrumentatura l-ġdida tal-banda. Ħames snin wara l-banda ħadet sehem fil-Ġublew tal-fidda tar-Re Gorg V. Fl-1938 kien indaqq l-Innu lir-Rebbieħa tal-1565 ta' Ciappara innifsu fuq versi tal-Kav. Guże' Muscat Azzopardi, fil-pjazza tal-palazz il-belt Valletta. Programmi oħra li baqgħu magħrufa kienu dawk tal-1944 fl-okkażjoni ta' għeluq il-hamsa u sebgħin sena tal-Banda Konti Ruġġieru, fl-1960 għall-okkażjoni taċ-ċentinarju Pawlin, u l-1969 meta l-Banda Konti Ruġġieru ċċelebrat il-mitt sena mit-twaqqif uffiċjali tagħha.

Għal din il-banda kiteb bosta marċi brlijużi. Kellu diversi suċċessi fosthom it-tlett marċi *Lilibet*, *Victory* u *Coronation March 1953* miktuba għall-banda Konti Ruggieru li bihom ġie klassifikat fl-ewwel post f'konkorsi mnedija mill-BBC. Għall-istess banda kiteb ukoll bosta innijiet fosthom l-Innu Popolari lil San Pawl (1964), Innu lil Kristu Rxoxt (1974), u l-Innu Marċ lil Konti Ruġġieru (1976).

**Ma' baned oħra**

L-ewwel tlett marci li kiteb ġew irregalati lill-Banda Prince of Wales tal-Birgu fl-1922. Inħatar surmast ta' din il-banda fl-1938 fi żmien il-President il-Prokuratur Legali Edward Axiaq Mifsud, ftit xhur biss qabel faqgħet it-Tieni Gwerra Dinija. F'dawk is-snin ta' biża u qerda mill-għadu, l-attivita' tal-għaqda waqfet. Parti mill-każin iġġaraf u bosta rikezzi u dokumenti li kellha din l-għaqda inqerdu wkoll. Okkażjoni speċjali fi żmien is-surmast Ciappara ma' din l-għaqda kienet is-sena 1954 meta r-reġina Elizabetta II u zewġha d-Duka ta' Edinburgh żaru Malta. Il-banda Prince of Wales messha l-unur li ssellmilha l-ewwel waħda mill-port ta' Sant'Anġlu kemm fil-wasla kif ukoll fit-tluq tagħhom. Ciappara dam isservi din l-Għaqda Filarmonika sal-1975 u floku inħatar l-assistant tiegħu is-surmast Emmanuel Costantino.[2]

**Fil-Mellieħa**

*"Xejn Mhu tajjeb ħlief it-tajjeb"* hekk jgħid l-idejal tal-banda La Vittoria. B'xieraq li l-kumitat ħabbrieki ta' dak iż-żmien ried li fit-tmexxija tal-banda jkolha surmast serju u mingħajr wisq kompromessi fejn tidħol serjeta. Riedu surmast li kien stabilit fost il-kbar li ħadnet Malta f'dak iż-żmien. Riedu surmast li għalieħ il-kun`erti kienu jfissru ferm aktar minn passatemp. B'hekk, l-għażla waqgħet fuq Ciappara.

Kien diġa mexxa bosta baned t'isem u storja. L-ewwel kuntatt tal-banda La Vittoria ma' dan is-surmast seħħ fl-1928 meta l-marċ tiegħu *Sotto I Palmizi* indaqq mill-banda, liema marċ kien mixtri għal din il-banda minn Joseph Attard. F'dak iż-żmien kienet ħaġa kbira li jkollok marċ ta' Ciappara, marċ li wkoll ġie rrekordjat fuq diska. Snin wara, l-Mellieħa kellha kuntatt ieħor mas-surmast Ciappara meta kien ikkompona l-*Innu lil Maria Bambina*, miktub għall-Każin Imperial b'versi ta' Nikol Biancardi.

Kien fl-1957 meta sar l-ewwel kuntatt bejn il-banda La Vittoria u Vincenzo Ciappara. Kien żmien iċ-ċelebrazzjoni tal-ġublew tal-kazin. F'dak iż-żmien, is-surmast tal-banda Willie Attard kien marid ħafna u għalhekk il-kumitat xtaq li għal dawn il-festi jkunu "elebrati kif jixraq. Għalhekk f'Ġunju ta' dik is-sena kien ġie magħżul Vincenzo Ciappara.

Taħt id-direzzjoni tiegħu, l-banda kienet ħadet sehem fil-festi ta' Malta Indipendenti fl-1969 b'kunċert mogħti fi Pjazza Regina l-belt Valletta. Din il-memorja għadha tidher f'kummenti pożittivi u t'awgurju fir-reġistri tal-każin. Fost il-memorja ta' Ciappara li nsibu f'dan il-każin hemm il-bakketta tiegħu li ġiet regalata minn ibnu stess l-avvukat Ciappara.[3]

**L-Innu Malti**

Bla dubju, wieħed mill-akbar avvenimenti fil-ħajja twila tiegħu kienet meta Dun Karm innifsu mar iffittxu fil-każin King's Own il-belt fejn talbu jarmonizżalu għall-banda l-Innu Nazzjonali miktub minnu u Robert Samut.

L-arranġament għall-banda tal-Innu Malti kien ġie esegwit mill-Banda Ċittadina King's Own waqt kun`ert sinfoniku li kien inżamm fl-okkażjoni tal-festa tat-8 ta' Settembru tal-1936 fi pjazza San Ġorġ il-belt. Propju fi tmiem dan il-kunċert, kien indaqq l-Innu Malti taħt id-direzzjoni tas-surmast Vincenzo Ciappara. L-Innu ntlaqa' tajjeb ħafna mill-follol kbar li mlew din il pjazza. Kien avveniment storiku. Ħamsin sena wara, dan l-avveniment li jagħmel ġieħ lis-So`jeta u Banda King's Own ġie mfakkar bi kxif ta' lapida mal-ħajt ta' quddiem il-Palazz Presidenzjali.[4]

Barra dawn il-baned, Mro Ciappara idderiġa baned oħra għal bosta okkażjonijiet speċjali fosthom ukoll il-baned La Stella u Leone tar-

Rabat Għawdex. Idderiġa wkoll kunċerti, operetti fosthom dawk tal-Bank Sports Association, kif ukoll balletti mtellgħin mill-alljevi tal-Prinċipessa Tabone.

### Kompożitur

Vincenzo Ciappara kiteb f'ħafna ġeneri għalkemm l-aktar li kiteb kien element bandistiku. Fost ix-xogħolijiet oriġinali bħall-preludji u *innijiet di gloria* fosthom *Ħdejn in-Nieqa ta' Marija Bambina* li kien kiteb fl-1977 b'versi ta' Giljan Refalo Rapa għall-banda Victory tax-Xagħra u *Madonna* għall-festa tal-Imġarr, Malta. Ikkompona wkoll *Livia* fantasia originali, *Amore e Musica, Vicino al Mare, Sorrisi, Bianca e Rossa, Malta* u *Anima e Pace* ilkoll marċi sinfoniċi; l-intermezz *Un Mazzo di Fiori* u *Empire Unity* - preludju in Re li kien ġie esegwit fil-British Insitute.

Fil-ġeneru tal-marċi, Ciappara introduċa l-istil Spanjol ibbażat fuq melodija li jkollha terzina fit-tieni miżura tal-battuta li intgħoġbot minn kompożituri oħra u bdew jimitawħ. Kellu talent kbir biex joħroġ melodiji sbieħ u armonjużi. Mhux magħruf eżatt kemm kiteb marċi iżda huwa kkalkulat li kiteb mal-mija u ħamsin wieħed.

Barra l-ħafna mużika oriġinali li kiteb, Ciappara għamel numru kbir ta' arranġamenti operistiċi u sinfoniċi għall-banda.

### Muzika Sagra

Kien fuq il-pariri ta' Carlo Diacono li Ciappara beda jidderieġi ukoll fil-knejjes fosthom fil-Kolleġġjata tar-Rabat. Ciappara kien ukoll għal żmien qasir *Maestro di Cappella* tal-Katidral u l-Kon-Katidral. Dan seħħ meta miet Carlo Diacono stess fl-1942. Ciappara aġixxa ta' *Maestro di Cappella* għal tlett snin sakemm r-Rev. Patri Albert Borg li kien ġie nominat li jimla l-post vakant ta' *Maestro di Cappella* tal-Katidral kien ħtieġlu jmur jistudja l-mużika Ruma.

Barra li kien kompożitur rinomat għall-mużika għall-banda, Ciappara kiteb ukoll xogħol sagru fosthom quddies, salmi, antifoni fosthom *Sancte Paule* u innijiet li jinkludu l-*Innu tat-tridu ta' San Pawl*. L-aħħar quddiesa tiegħu kienet indaqqet għall-ewwel darba fil-knisja ta' San Pawl ir-Rabat fil-festa taċ-Ċirkolu Mużikali Konti Ruġġieru u indaqqet ukoll fil-katidral tal-Imdina nhar il-festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl u fil-Kon-Katidral taħt id-direzzjoni tas-surmast stess.

Fl-arkivju parrokjali tal-knisja arċipretali ta' San Pawl fir-Rabat hemm arkivjat ir-Responsorji ta' Corpus Christi, xogħol li ma' jġib l-ebda data.[5] Fl-arkivju tal-kunvent tal-knisja tal-Karmnu fl-Imdina nsibu *Litania della BV Maria*.[6] F'Għawdex, fil-kollezzjoni ta' Dun Ġużepp Farrugia hemm tlett xogħolijiet sagri ta' Ciappara. L-antifona *Ingresso Zaccharia* hija miktuba għal żewġ tenuri u żewġ baxxi, liema xogħol ma' jġib l-ebda data u għandu arranġamenti wkoll għall-antifoni *Ad Jesum Autem* u *Sancte Paule*.[7] Fl-istess kollezzjoni nsibu wkoll żewġ *Tantum Ergo*. *Tantum Ergo No. 12* huwa kompost għal baritono solo, tenur u baxx filwaqt li *Tantum Ergo No. 13* ġie miktub għal tenur solo, tenur u baxx.[8]

### Għalliem

Is-surmast Ciappara kien imfittex ukoll għat-tagħlim mużikali fejn minn taħt idejħ ħarġu ħafna mużiċisti tajbin Fost dawn kien hemm neputieħ Carmelo Pace, mużiċista, kompożitur u għalliem li jibqa magħruf fost l-oħrajn għax-xogħolijiet li kiteb.

Is-surmast Vincenzo Ciappara miet fid-29 ta' Lulju 1979 fl-eta' ta' 88 sena Il-funeral tiegħu gie akkumpanjat mill-banda tal-Konti Ruġġieru flimkien m'għad kbir ta' bandisti li ħadmu miegħu fil-qrib. Kien rikonoxxut minn kulħadd bħala surmast kbir. Il-mużika tiegħu hija l-ħoss u s-sentiment ta' dan il-poplu paradossali; devot fil-knejjes, brijuż fit-toroq, qalb ħanina imma mifni fil-pika. Dan is-sentiment huwa rifless b'mod ċar fil-mużika li wasslilna mill-qalb u l-moħħ ta' Vincenzo Ciappara.


**Bibliografiji:**

Il-125 Sena mit-twaqqif tas-Soċjeta San Pawl u l-Banda Konti Ruġġieru 1869-1994, Rabat. pp.45-46

Emmanuel Maġġi, *Mro Vincenzo Ciappara, ir-Re tal-Marċi Maltin* fil-program tal-Festa Banda San Gejtanu 1994 pp.259-263.

Joseph Vella Bondin, *Il-Mużika ta' Malta fis-Sekli Dsatax u Għoxrin* (Malta, PIN, 2000), p.207

Michael Schiavone ed., *L-istorja tal-Każini tal-Baned f'Malta u Għawdex* (Malta, PIN, 1997).

Ara wkoll programm tal-festa Każin tal-Banda La Vittoria 1991. Diskors minn Gorg Peresso.



**Ħajr**: Joe Catania, Rev. Can Michael Agius, Manwel Vella, Raymond Saliba, Mark Fenech Vella.


**Ritratti**: (tkellem mas-Sur Joe Catania)

Vincenzo Ciappara

Lapida mwahhla mal-hajt tal-Palazz Presidenzjali li tfakkar l-esekuzzjoni tal-Innu Malti mill-Banda King's Own

Mro Ciappara f'wiehed mill-kuncerti tieghu

1 Alfred Delmar, *Il-Kazin San Guzepp u l-Banda "De Rohan" – Haz-Zebbug* fl- Istorja tal-Kazini tal-Baned f'Malta u Ghawdex. p.123.
2 Ghaqda Filarmonika "Prince of Wales" – Birgu fl-Istorja tal-Kazini tal-Baned f'Malta u Ghawdex. p.62.
3 Festa Maria Bambina La Vittoria, 1991.
4 Is-Socjeta u l-Banda Cittadina "King's Own" fl-Istorja tal-Kazini tal-Baned f'Malta u Ghawdex. p.21.
5 Arkivju Parrokjali San Pawl, Rabat. Ms. 4 Resp del Corpus Christi s.d.
6 OC Mdina Ms. 92 Litania della BV Maria s.d.
7 Dun G. Farrugia, Gozo. Ms. 104 a) Ingresso Zaccharia s.d.; b) Ad Jesum Autem s.d., c) Sancte Paule s.d.
8 Dun G. Farrugia, Gozo. Ms. 105 Tantum Ergo No. 12 s.d.; Ms. 106 Tantum Ergo No. 13 s.d.